MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Rikors Numru. 189/2006

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 227/06 fl-ismijiet:**
**Maria Shires I.D. 964450(M)**
**vs**
**Joseph Bonello I.D. 746146(M) u Vincent Bonello I.D. 861347(M) ulied Edgar Bonello u Giovanna nee Martinelli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fid-9 ta’ Marzu, 2006 minn Joseph Bonello u Vincent Bonello, li in forza tieghu, wara li issottomettew illi :

Illi bil-hrug tal-mandat fuq riferit is-sekwestranti Maria Shires qeghda tipprova tottjeni l-hlas tal-ispejjez kollha gudizzjarji nkorsi minnha fil-kawza fl-ismijiet "Edgar Bonello et vs Maria Shires" (Cit. Nru. 493/88) deciza favur taghha minn din l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' Marzu 2005;

Illi fil-fatt pero, dan il-mandat inhareg irregolarment ghaliex is-sekwestranti m'ghandhiex dritt li tigbor l-ispejjez gudizzjarji kollha izda biss is-somma ta' mitejn wiehed u tmenin liri maltin u sebgha u erbghin centesmu (Lm281.47) ghar-ragunijiet segwenti:

(a) Edgar Bonello (l-attur originali li ntavola l-kawza fis-sena 1988, jigi missier l-istess Maria Shires u missier ukoll ir-rikorrenti odjerni;
(b) Meta l-imsemmi Edgar Bonello istitwixxa l-kawza, dan hu ghamlu bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu Giovanna Bonello peress li dak iz-zmien ma kienx mehtieg li martu tkun ukoll ufficjalment parti fil-kawza;
(c) Fil-mori tal-kawza miet l-imsemmi Edgar Bonello u skond l-ahhar testment tieghu wirtuh l-esponenti peress li hu ddiseredita lis-sekwestranti Maria Concetta Shires;
(d) Illi pero l-istess sekwestranti Maria Shires ghamlet kawza sabiex tikkontesta t-testment li bih giet disereditata, liema kawza ghadha pendenti;
(e) Illi jekk din il-kawza tigi deciza favur ta' l-istess Maria Concetta Shires, allura hija jkollha d-dritt ta' wiehed minn disgha (1/9) bhala legittima u jekk il-kawza tigi deciza kontra taghha, allura z-zewg uliedha jkollhom dritt ghall-istess kwota bhala legittima;
(f) Illi fil-mori tal-kawza mietet ukoll Giovanna Bonello u l-wirt taghha ddevolva kwantu ghal kwota ta' hamsa minn disgha (5/9) fuq is-sekwestranti Maria Shires u kwantu ghal kwota ta' tnejn minn disgha (2/9) fuq kull wiehed mill-esponenti;
(g) Illi ghalhekk, riferibbilment ghall-ispejjez gudizzjarji fuq imsemmija, l-imsemmija Maria Shires trid hi stess issofri 1/9 minn nofshom (bhala legittimarja ta' missierha), kwindi LM23.45c u 5/9 minn nofshom (bhala eredi f'tali kwota ta' ommha), kwindi LM117.28 ohra;
(h) Illi ghalhekk is-sekwestranti kellha dritt titlob biss is-somma ta' LM281.47(LM422.20 - Lm23.45 – Lm117.28);

Illi l-mandat in kwistjoni nhareg irregolarment anke fuq l-istess ammont ridott ta' LM281.47 minhabba fis-segwenti:

(a) B'ittra datata 6 ta' Ottubru 2005 (kopja annessa mar-rikors markata Dok VB1) l-esponenti effettwaw il-pagament dovut ta' LM281.47 permezz ta' cekk;
(b) B'ittra datata 17 ta' Ottubru 2005, dan il-pagament gie ingustament rifjutat (kopja Dok VB2);
(c) Minhabba f'hekk, l-esponenti ddepozitaw is-somma imsemmija ta' LM281.47 taht l-awtorita tal-Qorti tal-Magistrati permezz ta' cedola numru 1977/05. Kif jidher mill-vera kopja legali hawn annessa mar-rikors bhala Dok VB3, l-imsemmija cedola giet depozitata fit-28 ta' Ottubru 2005 u notifikata lill-istess Maria Shires fit-2 ta' Novembru 2005, cioe hafna zmien qabel it-taIba ghal hrug tal-mandat odjem;

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jipprezentaw ir-rikors odjern ai termini tal-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jitolbu Ii I-mandat ta' sekwestru fuq riferit jigi revokat in toto ghar-ragunijiet premessi, bl-ispejjez kontra s-sekwestranti;

Rat ir-risposta ta' l-intimata Marie Shires, li in forza taghha issottomettiet :

Illi t-talbiet ta' Joseph Bonello u Vincent Bonello huma totalment infondati. Is-sentenza in kwistjoni inghatat fil-konfront taghhom wahedhom. Giovanna Bonello ma kienetx parti f'din il-kawza. Meta miet Edgar Bonello, il-legittimazzjoni tal-atti saret esklussivament f'isem Joseph Bonello u Vincent Bonello. L-esponenti kellha kull dritt Ii tezegwixxi s-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez kontra taghhom it-tnejn jew kontra kull wiehed minnhom individwalment. Hija kulma ghamlet huwa Ii ezercitat id-drittijiet moghtija lilha mil-ligi. II-wirt ta' Giovanna Bonello m' huwiex in dibattitu u m' ghandux ikun in dibattitu sabiex tigi determinata din iI-vertenza;

Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi minkejja l-fatt illi l-avukati difensuri inghataw il-fakulta' illi jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet huma naqsu milli jaghmlu dan;

Rat illi ir-rikors thalla ghal digriet ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-intimata Maria Shires talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti wara illi ottjeniet titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12, u senjatament, taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez ta' citazzjoni numru 493/88 DS fl-ismijiet "Edgar Bonello vs Maria Shires" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 2005;

Illi r-rikorrenti ipprezentaw ir-rikors odjern ai termini tal-Artikolu 283A tal-Kap. 12 sabiex il-Qorti tirrevoka 'in toto' il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 277/06;

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti jikkontendu illi l-intimata ghandha tbaghti parti mill-ispejjez tal-kawza imsemmija peress illi hija ukoll werrieta tal-genituri taghha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma din is-sottomissjoni tar-rikorrenti peress illi is-sentenza in kwistjoni inghatat <u>biss</u> fil-konfront ta' l-istess rikorrenti u meta miet Edgar Bonello, il-legittimazzjoni tal-atti saret biss f'isem ir-rikorrenti;

Illi Giovanna Bonello, omm l-intimata, ma kenitx parti fil-kawza in kwistjoni u il-wirt tal-istess Giovanna Bonello m'ghandux x'jaqsam ma' din il-vertenza.

Illi ghalhekk jirrizulta car illi l-intimata imxiet skond il-ligi fl-infurzar tat-titolu ezekuttiv illi hija ottjeniet kif diga intqal.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti; bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------